# DISA' MEXXEJJA F'MITT SENA


WILLIAM **SAVONA**


MICHAEL **DUNDON**


PAWLU **BOFFA**

Partit Laburista.

Partit li jinsab fuq l-għatba li jiċċelebra l-mitt sena mit-twaqqif tiegħu.

*Partit li* dejjem żamm mal-prinċipji tiegħu, tal-ġustizzja soċjali, li jieħu ħsieb l-interessi tal-ħaddiema u li jixpruna l-progress fil-pajjiż.

Il-Partit Laburista beda bħala dik magħrufa l-Camera del Lavoro.

L-ewwel mexxej kien imsejjaħ bħala President.

Dan kien William Savona, li kien jiġi iben Sigismondo Savona, l-ewwel direttur tal-edukazzjoni fi żmien il-ħakma Ingliża.

William Savona kien il-President tal-Camera del Lavoro biex imbagħad fl-1925 beda jissejjaħ l-ewwel mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema.

Huwa mexxa l-partit għal sentejn sħaħ biex imbagħad meta sar il-compact, ftehim ta' alleanza mal-Partit Kostituzzjonali ta' Gerald Strickland, it-tmexxija għaddiet f'idejn il-Kurunell Michael Dundon.

Dan ġara fl-1927 meta Savona ma rnexxilux jiġi elett fil-Parlament, magħruf dak iż-żmien bħala l-Assemblea Leġiżlattiva.

Għalhekk, it-tmexxija tal-Partit fi żmien is-sħubija fil-Gvern ma' Strickland għaddiet f'idejn Dundon.

Dundon dam ftit aktar minn sena fit-tmun tal-Partit biex wara t-tmexxija għaddiet f'idejn tabib mill-Birgu.

Pawlu Boffa dam imexxi l-Partit għal 20 sena, fit-tlettinijiet u fi żmien il-gwerra meta l-iżvilupp Kostituzzjonali u dak politiku waqaf ħesrem.

Iżda, imbagħad Boffa malajr għaqqad lill-Partit tal-Ħaddiema f'forza politika b'saħħitha, eżatt wara l-gwerra.

Bil-Kostituzzjoni tal-1947 terġa' tagħti lil Malta Gvern responsabbli mingħand il-Gvern imperjali Ingliż, Boffa sar l-ewwel Prim Ministru Laburista.

Boffa embarka fuq numru ta' riformi soċjali u beda jibni pajjiż li kien mifni bit-tifrik u l-faqar li ġabet it-tieni gwerra dinjija.

*It-tmexxija ta' Boffa waqfet f'Ottubru tal-*1949.

Bil-kwistjoni tal-Marshall Aid, għajnuna finanzjarja biex tgħin lil Malta tqum fuq saqajha wara l-gwerra twassal għal dik imsejħa bħala split fil-Partit tal-Ħaddiema, Dom Mintoff ħa f'idejh il-partit f'konferenza ġenerali li fiha rringrazzjat lil Boffa tax-xogħol u l-kontribut li ta, iżda ħasset li m'għandux jibqa' jmexxi lill-Partit.

Dom Mintoff ta isem ġdid lil Partit.

> "Bil-viżjoni ta' dan il-Mexxej Laburista, Malta għaddiet minn żewġ kisbiet politiċi. Ir-Repubblika, *li* fissret ukoll li l-Kap tal-Istat ma tibqax il-kuruna Ingliża iżda jkun ċittadin Malti

The Malta Labour Party, hekk beda jissejjaħ u fl-1955 Mintoff sar għall-ewwel darba Prim Ministru ta' 39 sena.

Mintoff mexxa lill-Malta Labour Party għal 35 sena, l-aktar mexxej li dam fit-tmun ta' dan il-Partit.

Tul it-tmexxija tiegħu, il-Partit għadda mill-kwistjoni politiko-reliġjuża tas-sittinijiet li wasslet għall-interdett mill-Knisja Maltija fuq kull min ivvota lil Malta Labour Party.

Fis-sebgħinijiet meta reġa' sar Prim Ministru u kiseb mandat biex jiggverna għal tliet darbiet konsekuttivi, *il-Perit* Mintoff embarka fuq numru ta' riformi soċjali li huma s-sisien ta' dak li għandna llum.

Bil-viżjoni ta' dan il-Mexxej Laburista, Malta għaddiet minn żewġ kisbiet politiċi.

Ir-Repubblika, li fissret ukoll li l-Kap tal-Istat ma tibqax il-kuruna Ingliża iżda jkun ċittadin Malti.

L-akbar kisba politika għal Mintoff u għall-Gvern Laburista tas-sebgħinijiet tibqa' l-Ħelsien, li ma fissritx biss l-għeluq tal-bażi militari Ingliża iżda l-ħelsien kien fis-sens wiesa' ta' poplu li mhux se jibqa' dipendenti fuq il-barrani, iżda li beda jibni ekonomija li r-rota tagħha ddur bl-investimenti u l-progress li jġibu s-sliem u l-paċi.

F'Diċembru tal-1984 Mintoff irriżenja minn mexxej u floku laħaq Karmenu Mifsud Bonnici.

L-Avukat Bormliż ħadem għall-għaqda mhux biss bħala mexxej iżda anki fiż-żmien li għamel Prim Ministru ta' Malta.

Wara li tilef l-elezzjoni tal-1992, Karmenu


DOM **MINTOFF**


KARMENU **MIFSUD BONNICI**

Mifsud Bonnici żamm is-siġġu parlamentari, iżda rriżenja minn mexxej.

Minflok Dr Mifsud Bonnici, id-delegati Laburisti għażlu lil Alfred Sant li immodernizza u rriforma lill-Partit Laburista, ġedded il-politika Laburista bil-għan li l-partit ikun relevanti fis-snin 90 u għamel ċert li l-messaġġ Laburista jibda jasal b'mod ċar meta saħħaħ b'mod qawwi l-midja tiegħu li dak iż-żmien anki twessgħet għat-televixin u eventwalment anki għal fuq l-internet.

Taħt it-tmexxija tiegħu, il-Partit Laburista kellu dar ġdida minn fejn jopera, iċ-Ċentru Nazzjonali fil-Ħamrun.

Alfred Sant rebaħ l-elezzjoni ġenerali tal-1996, b'maġġoranza ta' madwar 8,000 vot.

Għal dak iż-żmien, huwa kien għadu kif mexxa kampanja moderna.

Alfred Sant dam Prim Ministru sentejn, wara li ħass li l-maġġoranza li kellu fil-Gvern kienet qed tiġi kompromessa minħabba l-kwistjoni tal-proġett tal-marina fil-Kottonera.

Sant baqa' mexxej tal-Malta Labour Party sal-2008.

Wara telfa bi żbrixx fl-elezzjoni ġenerali ta' Marzu tal-2008, Sant ħabbar ir-riżenja immedjata tiegħu u temporanjament floku qagħad Charles Mangion.

In-nutar minn Ħal Luqa għamel xahrejn bħala mexxej interim, biex imbagħad f'Ġunju tal-2008 Joseph Muscat sar il-mexxej il-ġdid ta' 34 sena.

Dr Muscat irriforma l-istrutturi u ta wiċċ ġdid lill-Partit Laburista.

Joseph Muscat welled ukoll moviment ġdid ta' moderati u progressivi madwar il-Partit Laburista.

Il-prinċipji tal-ġustizzja soċjali, il-ħidma favur il-ħaddiema u l-middle class u favur il-mobbiltà soċjali baqgħu s-sisien ta' partit li issa għadda minn rinaxximent tal-ideoloġija xellugija tiegħu.

Joseph Muscat bena ġenerazzjoni rebbieħa, li wasslet biex il-Partit Laburista rritorna fil-Gvern fl-2013 b'maġġoranza kbira ta' 36,000 vot.

Erba' snin wara Joseph Muscat reġa' sar Prim Ministru għat-tieni darba b'mandat iktar b'saħħtu.

Huwa kiseb l-akbar rebħa elettorali mill-Indipendenza lil hawn meta l-Partit li mexxa kiseb 40,000 vot iktar mill-partit fl-Oppożizzjoni.

B'kollox Joseph Muscat rebaħ 10 elezzjonijiet konsekuttivi b'maġġoranzi waħda ikbar mill-oħra.

Gvern Laburista mill-2013 lil hawn jibqa' mfakkar li ta wiċċ ġdid lil pajjiżna f'oqsma differenti.

Pajjiżna beda jħares lejn orizzonti ġodda u minn ekonomija mifnija b'defiċit beda jkollna surplus.

L-ekonomija ta' Malta għaddiet minn tkabbir ekonomiku, wieħed wara l-ieħor mingħajr preċedent.

Fil-fatt Malta, b'Joseph Muscat fit-tmun tal-pajjiż irreġistrat l-ikbar tkabbir ekonomiku fl-Ewropa.

Il-qgħad niżel għall-inqas livell fl-istorja ta' dan il-pajjiż waqt li nħolqu eluf ta' impjiegi fost oħrajn f'setturi ekonomiċi ġodda.

Fuq kollox il-ġid li ħoloq qed jibqgħu jgawduh il-familji Maltin u Għawdxin kollha.

B'Dr Muscat mexxej tal-Partit Laburista l-pajjiż għamel anki kisbiet kbar fil-qasam tad-drittijiet ċivili li poġġew lil Malta mal-aqwa pajjiżi fid-dinja f'dan il-qasam.

Dan meta sa ftit snin biss qabel pajjiżna kellu Gvern li ħadem kontra d-dħul tad-divorzju.

Tul l-istorja tiegħu, il-Partit Laburista ffaċċja żminijiet diffiċli u ta' sfida.

L-istorja dejjem uriet li l-Partit ħareġ aktar b'saħħtu minn qabel.

Hekk ġara fl-1932 meta l-Partit Laburista kien għoddu sparixxa minħabba ċ-ċirkustanzi politiċi ta' dak iż-żmien.

Sa 15–il sena wara taħt it-tmexxija ta' Boffa, il-Partit kiseb rebħa elettorali enormi.

Ġara l-istess fl-isplit li għadda minnha l-Partit wara l-gwerra, iżda sa sitt snin biss wara, Mintoff ġab rebħa kbira oħra fl-1955.

Iż-żmien diffiċli għall-Partit feġġ ukoll fis-sittinijiet waqt id-dnub il-mejjet impost fuq is-suldati tal-azzar, iżda finalment il-Partit ukoll reġa' ssaħħaħ u biddel lil pajjiżna. Fl-era moderna, il-Partit Laburista rkupra wkoll minn żmien diffiċli fejn qabel l-2008 kien hemm biss okkażjoni waħda fi 30 sena li l-Partit Laburista kiseb l-appoġġ tal-maġġoranza assoluta f'elezzjoni ġenerali.

L-istorja wriet tabilħaqq li l-Partit Laburista qatt ma qata' qalbu quddiem l-ostakli li sab sabiex iwettaq fil-prattika t-twemmin tiegħu.

Hekk kompla jagħmel Joseph Muscat li mexxa lill-Partit Laburista għal 11–il sena u nofs.

Huwa se jkun irriżenja minn Mexxej tal-Partit Laburista u Prim Ministru f'Jannar tal-2020.

F'dan ix-xahar il-membri kollha tal-Kungress tal-Partit se jagħżlu d-disa' mexxej tal-Partit Laburista.


ALFRED **SANT**


JOSEPH **MUSCAT**

**“Gvern Laburista mill-2013 lil hawn jibqa' mfakkar li ta wiċċ ġdid lil pajjiżna f'oqsma differenti. Pajjiżna beda jħares lejn orizzonti ġodda u minn ekonomija mifnija b'defiċit beda jkollna surplus**